**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum is-7 ta' Novembru 2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kurt Farrugia u Spettur Darren Buhagiar)**

**kontra**

**JOSEPH AZZOPARDI**
(ID No: 436676 (M))

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Joseph Azzopardi,** iben Anthony Azzopardi u Rosina Azzopardi nee' Borg, imwieled l-Pieta' nhar l-4 ta' Settembru 1976 u residenti gewwa 75, BLK 5A, FL3, Triq is-Sur l-Isla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 436676(M), senjatament akkuzat talli nhar is-6 ta' Novembru 2022 ghall-habta tan-12.30hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien gewwa Bormla, Malta:
Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' El Farsi Salaheddin M Yussief hekk kif certifikata min Dr. Charmaine Cremona (Med Reg. 3222) mic-centru tas-Sahha tal-Mosta;
Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' El Farsi Salaheddin M. Yussief u / jew persuni ohra.

Il- Qorti kienet mitluba li f' każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu

mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif maħsub f’ artikolu 533 *et sequitor* tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta’ Malta.
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti tal-kawza;
Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, liema ammissjoni huwa reggha kkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u wara li nghata zmien adegwat sabiex jirrikonsidra l-istess u informazzjoni dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward il-piena;
**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi;
Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, il-fedina penali tal-imputat, l-ammisjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri possibli kif ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija.
**Decide:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214; 215; 216 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tmintax-il xahar millum.

Ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed tipprovdi ghas-sigurta ta’ Mr. Yussief bil-ghan li tinzamm il-bon-ordni pubbliku ghal perjodu ta’ tnax-il xahar millum u dan b’obbligazzjoni taht penali ta’ Eur. 500.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta’ din is-sentenza inkluz li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.
MAGISTRAT

Christine Farrugia
Deputat Registratur